# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

**Educational Assessment Unit – Education Division**

| **It-Tieni Klassi** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN** |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________ **Klassi:** __________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 21 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent\a | | | | | | | | |

KUMMENTI

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:*

# L-Ambjent



pittura ta' Paul Stellini

L-ambjent li ngħixu fih jiddetermina mhux ftit kemm aħna ngħixu hienja fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Mingħajr ma trid, l-inħawi ta' madwarek, ftit jew wisq jaffettwaw il-burdata tiegħek għax din hija ħaġa psikoloġika. Darek, l-uffiċċju, il-fabbrika fejn taħdem, beltek jew raħlek, il-postijiet fejn tqatta' l-biċċa l-kbira tal-jum joħolqu fik ċertu ferħ, dwejjaq, ħeġġa jew bruda. *(par. 1)*

Naturalment, l-istat ta' l-ambjent, jiġifieri jekk l-ambjent ikunx nadif, maħmuġ jew imniġġes, għandu iktar effett qawwi fuq saħħitna. Ambjent nadif jiskansana mill-mard u l-epidemji barra li jiġbed lejna l-viżitaturi, it-turisti. *(par. 2)*

Għalhekk mhux ta' b'xejn li llum, il-pajjiżi progressivi qegħdin jagħmlu daqshekk enfasi fuq l-indafa u l-ġmiel ta' l-ambjent u x'passi għandhom jittieħdu biex l-ambjent jinżamm nadif u sabiħ, u fejn hu possibbli jitnaddaf u jissebbaħ aktar biex ikollna aktar popli ferrieħa u b'saħħithom. *(par. 3)*

F'dinja li qiegħda ssir dejjem aktar iffullata bil-bini ta' djar u fabbriki, il-kampanja għandna nibżgħu għaliha u ma nħalluhiex tiċċekken, titħammeġ, tiddennes u titniġġes minħabba indifferenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb. Id-dehra safja ta' dak il-beraħ b'dawk il-meded ta' ħdura, l-għoljiet isaltnu fuq widien iserrpu, bl-irziezet umli bħall-bdiewa li jgħammru fihom, televana 'l fuq, iġġagħalna nistrieħu mill-għagħa tal-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Jekk neqirdu, inħassru jew inkerrhu l-kampanja, inkunu qed intappnu parti mit-tieqa sbejħa tal-ħajja, inkunu qed neqirdu s-sors minfejn nieħdu n-nifs li jagħtina l-qawwa. Huma għedewwa tagħhom infushom dawk li jħammġu u jitfgħu l-imbarazz fil-kampanja, li jdennsu l-arja bi dħaħen u rwejjaħ. *(par. 4)*

Għaliex nordmu r-riħa tas-sagħtar u l-plejju bl-iskart li jordom ukoll id-dehra sbejħa tagħhom? Il-Gvern żied is-siġar bl-eluf, ħoloq imsaġar fejn kien hemm blat għeri, żied il-ġonna. Dan kollu sar biex jissebbaħ l-ambjent u l-poplu jkun jista' jgħix f'inħawi simpatiċi u ferrieħa. Saret kampanja intensiva biex kemm jista' jkun il-familji jżejnu t-twieqi bil-fjuri. Dan l-ispirtu daħal ħafna fil-poplu, imma wieħed jixtieq jara aktar twieqi mżejna bil-fjuri bħalma tara fl-Awstrija u fl-Iżvizzera, anke fl-iċken bliet u rħula. Wieħed jieħu pjaċir jinnota llum f'Malta familji li jieħdu ħsieb iħawlu l-pjanti f'xi rokna ta' xi triq u b'hekk iroddulna dehra ħajja u mlewna. J'Alla dan l-ispirtu ċiviku jkompli jitkabbar fost il-poplu Malti. *(par. 5)*

(Addattament minn ***Vjaġġi bil-Pinna*** ta' **George Stevens**)

| A. FEHIM IT-TEST | (9 marki) |
|---|---|

1. L-ambjent x'jiddetermina? (par.1)

_______________________________________________ **(marka)**

2. X'inhuma l-vantaġġi ta' ambjent nadif? (par. 2)

_______________________________________________ **(marka)**

3. Pajjiżi żviluppati jemmnu li s-sbuħija u l-indafa jnisslu l-ferħ fiċ-ċittadin. (par. 3)

   VERU___; FALZ___. **(marka)**

4. Skond l-awtur, min jeqred, iħammeġ u jniġġes il-kampanja jkun bniedem

   ____________, ____________ u ____________ (par. 4) **(marka)**

5. X'jista' jserraħna mill-ħajja storbjuża u mgħaġġla? (par. 4)

_______________________________________________ **(marka)**

6. X'taħseb li jrid ifisser l-awtur bil-kliem *inkunu qed intappnu parti mit-tieqa sbejħa tal-ħajja*? (par. 4)____________________________

_______________________________________________ **(2 marki)**

7. Għaliex min iħammeġ u jdennes l-ambjent hu għadu tiegħu nnifsu? (par. 4)

_______________________________________________ **(marka)**

8. Fiex jidher is-sens ċiviku ta' ċerti Maltin? (par. 5)

_______________________________________________ **(marka)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (21 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Wieġeb kif mitlub: **(8 marki)**

| | |
|---|---|
| i. *fejn* ***tqatta'***<br>*biex* ***ikollna*** | i. Ikteb fin-negattiv: *fejn*__________<br>*biex*__________ |
| ii. ***nazzjonali*** ġejja miz-zokk morfemiku ***nazzjon*** | ii. ***naturalment*** ġejja minn:<br>__________ |
| iii. *jkun jista' jgħix* | iii. agħti l-għerq ta' ***jgħix*** __________ |

| | |
|---|---|
| iv. *familji jieħdu ħsieb* | iv. il-plural sħiħ ta' ***ħsieb***:__________ |
| v. oħroġ aġġettiv minn ***ambjent*** | v. |
| vi. *joħolqu fik ċertu feriħ* | vi. nissel verb fis-7 forma minn ***joħolqu*** __________ |
| vii. *għandna nibżgħu għaliha* | vii. oħroġ nom minn nibżgħu:________ |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

2. Agħti kelma oħra bl-istess tifsira għal kull waħda minn dawn: **(3 marki)**

| bruda *(par.1)* | jgħammru *(par.4)* | mlewna *(par.5)* |
|---|---|---|
| | | |

3. Ikteb espressjoni flok il-kelma b'sing taħtha: **(marka)**

<u>*Naturalment*</u>, l-istat ta' l-ambjent..: *ħaġa minn*____________l-istat ta' l-ambjent...

**ANALIŻI TESTWALI**

4. *Mingħajr ma trid, l-inħawi ta' madwarek jaffettwaw il-burdata tiegħek.* Min hu s-suġġett f'din is-sentenza?______________________________ **(marka)**

5. *Belt<u>ek</u> jew raħl<u>ek</u>* (par.1). Għal min qed jirreferu l-pronomi b'sing taħthom?

______________________________ **(marka)**

6. Minn xiex hija msawra l-kelma ***lejna***? ____________________ **(marka)**

7. Minn paragrafu 3, sib partiċella bil-pronom mehmuż:____________ **(marka)**

8. X'jindika s-suffiss ***ien*** fil-kelma ***wid<u>ien</u>***? (par.4) ______________ **(marka)**

9. *Għandna nibżgħu għali<u>ha</u>.* Poġġi l-kelma *kampanja* flok il-pronom mehmuż:

*Għandna nibżgħu* ____________*kampanja.* **(marka)**

**SINTASSI**

10. Ikteb is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens tagħha: **(marka)**

*Huma għedewwa tagħhom infushom dawk li jħammġu l-kampanja.*

______________________________

11. Poġġi din is-sentenza fil-vuċi passiva: **(2 marki)**

*Il-gvern żied is-siġar bl-eluf.*______________________________

## Ċ. Idjomi/Qwiel *(4 marki)*

1. Sib żewġ idjomi mill-paragrafu ta' taħt u agħti t-tifsira tagħhom:

*Kemm ilha tgħix fil-kampanja, dejjem naraha wiċċha għad-dawl u fuq tagħha. Donnu li f'ambjent sabiħ bħal dak tinsab għal qalbha, u fi żmien qasir tkun tbigħ is-saħħa.*

__________________ : ________________________________________

__________________ : ________________________________________

2. *Kien ilu jarmi l-iskart fejn ġie ġie u jħammeġ il-kampanja. Kemm idum jikser il-liġi u jeħlisha! Fl-aħħar inqabad.*

F'liema qawl tfakkrek il-kliem b'sing taħtu?__________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*



Il-Kunsill Lokali tal-belt/raħal tiegħek qed iniedi kampanja għat-tisbiħ ta' l-ambjent. Barra t-tiżjin bil-fjuri fit-twieqi, ikteb *sitt* suġġerimenti oħra kif l-inħawi jistgħu jsiru iktar attraenti.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI *(8 marki)*

Mill-personaġġi li għamilt tiftix dwarhom din is-sena, liema wieħed l-iktar li laqtek, u x'inhuma l-kwalitajiet li ammirajt fih?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## F. LETTERATURA *(30 marka)*

**POEŻIJA: (i) *NADRIET 2***

Aqra din is-silta minn ***BALLATA*** ta' **Rużar Briffa** u wieġeb:

b'karba mnikkta, b'rogħda kbira,
lil min jersaq isemmagħlu
din il-ġrajja ta' żmien ilu.
Tisma' n-nies, titriegħed bħalu.

"Ieqaf hemm! Hawnhekk le jidħol
min minn qalbu bogħod l-imħabba;
ġrajja kiefra hawnhekk tnisslet;
maqdes Alla b'demm ittabba'."



1. Min isemma' l-ġrajja lin-nies?

________________________________________ **(marka)**

2. X'kienet il-*ġrajja kiefra*? ________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ **(3 marki)**

3. Fejn, u f'liema żmien seħħet din il-ġrajja?

______________________________ **(marka)**

4. Din il-poeżija hija klassika__; moderna__; romantika__. **(marka)**

5. Poeżija oħra li studjajt din is-sena u li tfakkar fi ġrajja ta' l-imgħoddi hi:

______________________________ **(marka)**

**(ii)** ***AKTAR NADRIET POETIĊI:*** Agħżel waħda minn dawn il-poeżiji u wieġeb:

**Fil-Menqa** (Ġorġ Peresso); **Lejla tat-Tfulija** (Ġorġ Borg); **Settembru** (Wallace Gulia);**Il-Ħajt tas-Sejjieħ** (Rena Balzan); **Siesta Maltija** (Kilin); **Univers leħor** (Dun Karm); **Ġunju** (Dun Karm); **Marsaxlokk** (Charles Flores).

1. Il-poeżija jisimha______________u għoġbitni għax______________

______________________________ **(2 marki)**

2. Il-poeta/poetessa jitqies/titqies bħala tradizzjonali___, modern/a___. **(marka)**

**PROŻA:**

**(i)** ***NIES BLA SABAR*** ta' Temi Zammit: agħżel ***waħda*** minn 1 u 2: **(10 marki)**

1. Wara li qrajt in-novella Ċensa u ċ-Ċine, sthajjel li inti Ċensa u fisser lil żewġek Pawlu għala sogħob bik li kont mort iċ-ċine.

***JEW***

2. Fisser għala Mastru Ġakbu l-iskarpan kien iħobb jgħid li d-dinja nqalbet.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

(ii) ***ĦOLM TAL-MILIED?*** ta' Trevor Zahra; agħżel waħda minn 1 u 2: **(10 marki)**

1. In-nanna Franġiska kienet temmen bi sħiħ li fil-familja tagħha, il-Milied dejjem ġabilhom in-niket. Irreferi għal inċidenti mir-rumanz biex turi għala kellha dan it-twemmin.

***JEW***

2. Ir-rumanz hu mżejjen b'aspetti folkloristiċi. Ikteb dwar xi drawwiet qodma marbuta mal-Milied kif jidhru fir-rumanz.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Ġ. KOMPONIMENT** ***(20 Marka)***

Agħżel wieħed u ikteb madwar 250 kelma fuq karta separata:

1. Jien u sħabi naddafna l-inħawi ta' l-iskola.
2. Moma noqogħdu f'dar fil-kampanja.
3. Irrakkonta x'laqtek fl-ambjent waqt safra li għamilt.
4. L-ambjent li nixtieq ngħix fih.
5. Dakinhar setgħet ġietni agħar!



pitura ta' Joseph Navarro